Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

# Liġijiet ġodda biex iħarsu d-drittijiet tiegħek tal-kura tal-anzjani



Għażiż qarrej,

Dan hu żmien importanti ta' bidla u opportunità fil-qasam tal-kura tal-anzjani, li qed ituk vuċi u jpoġġuk fiċ-ċentru tal-esperjenza tiegħek tal-kura tal-anzjani.

L-Att il-ġdid *tal-Kura tal-Anzjani 2024* (l-Att) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2025 itik drittijiet ġodda għal kura ta' kwalità għolja, sikura u responsiva. Il-provedituri tiegħek iridu jiżguraw li d-drittijiet tiegħek jiġu rispettati u mħarsa, u li inti issapportjat biex tagħmel għażliet b'dinjità.

## Twassil ta' trasparenza u kontabilità

Parti importanti tal-Att il-ġdid hija l-introduzzjoni ta' **independent Complaints Commissioner (Kummissarju indipendenti għall-Ilmenti)** biex jaħdem flimkien mal-Aged Care Quality and Safety Commission (Kummissjoni tal-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani). L-għan ta' dan ir-rwol hu li jiżgura li jkun hemm trasparenza u kontabilità kif jiġu mwieġba u solvuti l-ilmenti u l-kummenti.

Aħna irridu li int u l-familja tiegħek u dawk li jissapportjawk iħossuhom li għandhom is-saħħa li jqajjmu kwistjonijiet u tħassib, u li dawn jiġu ikkunsidrati b'mod ġust u trasparenti, mingħajr l-ebda inkwiet dwar xi konsegwenzi possibbli.

Aħna impenjati li nipproteġu u nippermettu d-drittijiet tiegħek biex inti tħossok kunfidenti li l-liġijiet il-ġodda dwar il-kura tal-anzjani ser iwasslu kura li hi sikura, ta' kwalità għolja u li tissodisfa l-ħtiġijiet u l-preferenzi tiegħek.

## Id-drittijiet tiegħek huma liġi

Inħossuna privileġġjati li aħna parti minn din il-bidla kbira. Iridu ngħarrfuk li d-drittijiet tiegħek huma stabbiliti bil-liġi taħt l-Att il-ġdid. Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tgħid li inti għandek id-dritt li:

- tieħu deċiżjonijet dwar ħajtek
- li d-deċiżjonijet tiegħek mhux biss jiġu aċċettati, imma rispettati wkoll
- jkollok informazzjoni u sapport biex jgħinuk biex tieħu d-deċiżjonijet tiegħek inti stess
- tikkomunika x-xewqat, bżonnijet u preferenzi tiegħek
- tħossok sikur u rispettat
- l-kultura u l-identità tiegħek ikunu rispettati
- tibqa' konness mal-komunità tiegħek.

## Huwa ok li tqajjem tħassib jew ilment

Jekk id-drittijiet tiegħek mhumiex qegħdin jiġu rispettati jew imħarsa, aħna qegħdin hawn biex ngħinu. Ninkoraġġuk biex jekk tista', l-ewwel tqajjem il-kwistjoni mal-proveditur tiegħek.

Il-proveditur tiegħek għandu l-obbligu li jiżgura li l-proċessi tal-ilmenti tagħhom huma faċli biex tifhimhom u biex taċċesshom, u li inti tħossok sapportjat.

Jekk tippreferi li ma tkellimx lill-proveditur tiegħek, tista' tikkuntattjana.

Għandna proċessi disponibbli kif nitrattaw l-ilmenti b'mod effettiv, u li jġiegħlu lill-provedituri biex isolvu l-problema, jerġgħu jirbħu l-fiduċja tiegħek u li jimpedixxu li l-kwistjoni terġa' isseħħ. Aħna niffukaw fuq riżultati restorattivi u li intejjbu l-kura għalik.

Ninsabu ħerqana biex nissapportjawk matul dan iż-żmien importanti ta' riforma. Li niżguraw li l-kura tal-anzjani tkun ta' kwalità għolja u sikura huwa għan komuni li huwa għal qalbna lkoll.

Dejjem Tiegħek,





**Liz Hefren-Webb** Aged Care Quality and Safety Commission (Kummissarju tal-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani)





**Treasure Jennings** Aged Care Complaints Commissioner (Kummissarju għall-Ilmenti fil-Kura tal-Anzjani)

Kwalunkwe persuna tista' tressaq ilment jew tipprovdi kummenti billi tikkuntattja lill-Aged Care Quality and Safety Commission fuq **1800 951 822** (telefonata bla ħlas) jew permezz tal-websajt tagħna, **agedcarequality.gov.au**

Int tista' tikkuntattja wkoll lin-Network ta' Avukatura għall-Persuni Anzjani (Older Persons Advocacy Network - OPAN) fuq **1800 700 600**. L-OPAN tipprovdi servizz bla ħlas, indipendenti u kunfidenzjali biex tgħin lill-persuni anzjani biex iressqu ilmenti. Jistgħu wkoll jitkellmu f'ismek.

*The Aged Care Quality and Safety Commission tirrikonoxxi lis-Sidien Tradizzjonali tal-pajjiż madwar l-Awstralja, u l-konnessjoni kontinwa tagħhom mal-art, il-baħar u l-komunità. Nirrispettawhom u lill-kulturi tagħhom, u lill-Anzjani kemm tal-passat kif ukoll tal-preżent.*

Novembru 2025

**Telefon**
1800 951 822

**Websajt**
agedcarequality.gov.au

**Ikteb lil**
Aged Care Quality and Safety Commission
GPO Box 9819, fil-belt kapitali tiegħek